***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 466 tad-9 ta' Jannar 2017 dwar punti mqajma mill-Onor. Michael Falzon dwar l-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali**

Is-Sedja għamlet referenza għall-aġġornament meħud mill-Onor. Michael Falzon fis-Seduta 464 tal-20 ta' Diċembru 2016, fejn l-Onor. Falzon għadda dawn ir-rimarki:

> "Sur President, kif naħseb li mistenni, xtaqt nitkellem, u se nitkellem, fuq iż-żewġ rapporti tal-NAO tal-bieraħ."

L-Onor. Falzon kompla jgħid hekk:

> "L-ewwel dokument li nixtieq inpoġġi huwa r-risposta għall-mistoqsija parlamentari 48 li jien għamilt lill-Ispeaker meta tlabt il-lista tal-pendenzi tar-rapporti li ntalbu bħala *special investigations* mill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali. F'dan id-dokument kien hemm indikat ċar u tond li l-erba' każi li kienu tressqu min-naħa tal-Gvern, li kienu jirrigwardaw l-art tal-Fekruna fix-Xemxija; il-każ Ta' l-Istabal, Ħal Qormi; tal-HSBC tal-Belt; u proprjetà oħra, kienu se jitressqu f'rapport wieħed. Aktar minn hekk, tant hemm l-aġendi politiċi, li fir-risposta li ngħatajt għall-mistoqsija 48 – ħa npoġġiha mill-ewwel – lanqas biss issemmew l-ismijiet tal-każi!"

L-Onor. Falzon ikompli jgħid:

> "Nikkwota *verbatim* – u npoġġi d-dokument fuq il-Mejda tal-Kamra – ittra li kiteb l-Awditur Ġenerali Charles Deguara datata 19 ta' Lulju 2016, meta jien kont staqsejt fuq ċerti investigazzjonijiet, fuq dawn l-erbgħa. Kliemu preċiż, *verbatim,* kien dan:
>
> > "Dan l-Uffiċċju bħalissa qiegħed jintensifika x-xogħol tiegħu fuq l-imsemmija, u fi ħsiebu jippubblika tali investigazzjonijiet bħala rapport wieħed sal-aħħar tas-sena.""

L-Onor. Falzon ikompli jgħid:

> "Allura, minkejja li l-ewwel f'riposta qal li se jagħmilhom f'rapport wieħed, u minkejja li f'ittra li ġġib ismu stess, qal li se jagħmilhom f'rapport wieħed, imma fl-aħħar nduna – biex nuża l-parafrażi Maltija – li tinżel fil-baxx tista', imma mbagħad hemm limitu ta' kemm tista' tinżel fil-baxx.
>
> Allura hawnhekk jien nixtieq ngħabbi lis-Sedja biex tistaqsi hi, peress li kull meta staqsejt jien qagħad jinħeba wara dak li tgħid il-Kostituzzjoni, qisni ma nafx naqra l-Kostituzzjoni! U fejn irid hu jgħid li huwa umanament u loġistikament possibbli, u fejn irid hu jgħid mod ieħor. Il-verità hija li l-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali jimxi b'żewġ uċuħ."

L-Onor. Falzon qal ukoll:

> "Jien m'għandi l-ebda problema li npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra ritratt ta' persuni msifrin ma' esponenti tal-Oppożizzjoni, u qisu ma ġara xejn! Qisu ma ġara xejn! Taħdem fl-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali, issiefer ma' membru tal-Oppożizzjoni, li hemm erba' inkjesti pendenti fuqu, u qisu ma ġara assolutament xejn!"

L-Onor. Falzon kompla jgħid hekk:

> "Ir-risposta li tingħata dwar jekk itteħdux passi jew jekk ġarax xi ħaġa fuq dan – nista' npoġġiha wkoll fuq il-Mejda tal-Kamra; qed ngħid għar-risposta għall-mistoqsija parlamentari 51 – tkun, fi kliemu stess:
>
>> "Kif jista' japprezza l-Onor. Interpellant, deċiżjonijiet interni li jistgħu jittieħdu jiġu ttrattati bl-aktar mod kunfidenzjali.""

Ikompli jgħid l-Onor. Falzon:

> "F'mistoqsija parlamentari staqsejt ukoll ta' min hi l-aġenda li jsegwi l-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali dwar x'jinvestiga u meta jinvestiga.
>
> Nerġa' nirreferi għall-mistoqsija parlamentari 48, li fir-risposta tagħha ssib li mill-2008 sal-2016 qatt ma kien hemm inċidenza waħda li hija waħda, li aktar minn każ wieħed jinġabru f'rapport wieħed! Imma għal darbtejn, fir-risposta għall-mistoqsija parlamentari 48, u fl-ittra tad-19 ta' Lulju, li diġà rreferejt għaliha, kien qal li se jagħmilhom f'daqqa! Imma mbagħad deher li hemm limitu għal kollox. Jien ngħid li bir-raġun tibda tgħid li hemm min isegwi l-aġendi!"

Imbagħad ikompli jgħid hekk:

> "Jien ngħidha bla tlaqliq: illum tara li fl-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali hemm individwi – ħalli nkun ċar – li huma dettati minn motivazzjoni politika, u allura jkollok tikkonkludi li l-aġenda jiddettahielu l-ħmieġ li jwaddbu ċerti ġurnali."

L-Onor. Falzon jagħlaq billi jgħid:

> "Nerġa' ngħid, qed nitlob l-intervent tas-Sedja biex insiru nafu għaliex ladarba mexa ma' dak li dejjem ġara u r-risposti ngħataw separatement, x'kienet ir-raġuni li għal darba darbtejn, l-Awditur Ġenerali qal li se jagħmel rapport wieħed! Dik hija xi ħaġa li qed nitlob l-intervent tas-Sedja dwarha."

Is-Sedja rat l-ilment tal-Onor. Falzon u tat struzzjonijiet biex b'mod immedjat tingħata kopja tat-traskrizzjoni tad-diskors tal-Onor. Falzon lill-Awditur Ġenerali, inklużi d-dokumenti li l-istess Onor. Falzon ippreżenta waqt id-diskors tiegħu fl-Aġġornament tal-20 ta' Diċembru 2016, fosthom il-mistoqsijiet parlamentari 48, 50, 51 u 52 li l-Onor. Falzon għamel lis-Sedja. Dawn jikkonċernaw investigazzjonijiet bħala *special investigations* u verifika dwar investigazzjoni.

Is-Sedja tagħmel referenza għall-artiklu 108 tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar il-kompitu tal-Awditur Ġenerali wara l-ħatra tiegħu bħala uffiċjal tal-Kamra tad-Deputati mill-President wara riżoluzzjoni tal-istess Kamra tad-Deputati li tgħaddi bis-saħħa ta' voti ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-Membri tal-Kamra.

Is-Sedja rat ukoll is-subartiklu (8) tal-istess artiklu 108 li jgħid:

> "(8) Il-Parlament jista' minn żmien għal żmien jipprovdi permezz ta' liġi dwar il-mod kif ir-rapporti li jsiru mill-Awditur Ġenerali għandhom jintgħamlu."

Is-Sedja rat li l-mod kif għandu jagħmel ir-rapporti l-Awditur Ġenerali sa issa m'hemm l-ebda protokoll kif wieħed jista' jissindika jew kif jista' jenfasizza jew jinforza lill-istess Awditur Ġenerali kif jagħmel ir-rapporti tiegħu. Għalhekk, is-Sedja tħoss li m'għandha l-ebda mansjoni f'dak li qed jitlob l-Onor. Michael Falzon.

Is-Sedja rat sew kif gew imwieġba l-mistoqsijiet parlamentari li l-istess Sedja għaddiet lill-Awditur Ġenerali u wkoll innotat il-kummenti iebsa li għamel l-Onor. Michael Falzon, fil-konfront ta' xi membru li jaħdem fl-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali fejn allega li dan isiefer ma' membru tal-Oppożizzjoni li huwa suġġett ta' xi inkjesti u hawn nifhem li qed jagħmel referenza għal inkjesti li wħud minnhom ġew ippreżentati fuq il-Mejda tal-Kamra. F'dan ir-rigward, b'rispett sħiħ u mingħajr ebda preġudizzju lejn l-awtonomija tal-Ufficcju tal-Awditur Generali kif garantita mill-Kostituzzjoni, tħalli f'idejn l-Awditur Ġenerali sabiex jagħmel l-investigazzjonijiet meħtieġa tiegħu.

Fl-aħħar nett nixtieq ninforma lill-Kamra li s-Sedja rċeviet ittra mill-istess Awditur Generali datata 5 ta' Jannar 2017 fejn għamel ir-rimarki tiegħu għall-kummenti magħmula mill-Onor. Michael Falzon fl-aġġornament fuq ċitat.

Ir-*ruling* huwa deċiż.